# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 6**

**Citaz. Nru. 261/97GV**

Doc. 119-01

**Concrete Products Limited**

**-vs-**

**Kurrier Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' Lm1,962 (elf disa' mija u tnejn u sittin lira), prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, u

Premess illi nterpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas is-somma ta' (Lm1,962) elf disa' mija u tnejn u sittin lira kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 30 ta' Lulju 1996, u tal-Mandat ta' Qbid numru 4288/96, u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-fatturi relattivi kontra il-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Kurrier Holdings Ltd. a fol. 12 tal-process li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-azzloni attrici hija intempestiva stante illi s-socjeta' attrici ghadha sallum ma kkonsenjatx certifikat tax-xoghlijiet ezegwiti mill-istess socjeta' attrici, u senjatament certifikat tal-piz illi jiflah is-saqaf installat mill-imsemmija socjeta'.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti ma hijiex debitrici fl-ammont mitlub fic-citazzjoni odjerna, kif jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

3. Saiv eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta' esponenti kontra l-istess socjeta' attrici ghall-inadempjenza taghha, kif fuq spjegat.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,962 dovuta bhala prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u konsenjat lils-socjeta' konvenuta.

**ECCEZZJONIJIET**

Is-socjeta' konvenuta  eccepiet illi l-azzjoni attrici hija intempestiva billi s-socjeta' attrici ghadha sallum ma kkonsenjatx certifikat tax-xogholijiet ezegwiti minnha u senjatament ic-certifikat tal-piz li jiflah is-saqaf installat mill-atturi.  Is-socjeta' konvenuta m'hiex debitrici fl-ammont mitlub fic-citazzjoni.  Salv eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghall kull azzjoni spettanti lis-socjeta' konvenuta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Certifikat**

Il-konvenuti qed jissottomettu li huma ma hallsux il-bilanc li fadal billi huma riedu certifikat ta' *security* tas-saqaf cioe' li r-raff kien jiflah ghal piz, cioe' tankijiet tal-likwidu li kienu ser iqeghdu fuqu. Billi dana c-certifikat qatt ma wasal,  huma ma hallsux il-bilanc.

Dwar din il-kwistjoni tac-certifikat, l-atturi xehdu li l-konvenuti qatt ma talbu dan ic-certifikat. Skond Christabel Abela l-planki gew ordnati minn Bonello u nhadmu skond l-esigenzi tieghu (fol. 48). Il-Perit Mintoff xehed li ghall kull *option* li Bonello tah, hu kkalkola s-saqaf *accordingly*. Hu ma ftakarx li ntalab li johrog certifikat. Kull meta jintalab, hu dejjem jiffirma c-certifikat.

L-atturi pprezentaw ittra li kiteb Karl Bonello a fol. 72 fejn ma tissemma ebda talba ghal-certifikat, anzi hemm ammissjoni minnu li l-ammont li kienu qed jitolbu

l-atturi kien dovut u Bonello ried zmien biex ihallas. Mario Gatt, Christabel Ellul u l-Perit Mintoff kollha xehdu li ma kienet saret ebda talba ghal certifikat u ma kien hemm ebda ftehim li kellu jinhareg xi certifikat.

Ghalkemm fix-xhieda ssemmiet dokumentazzjoni fejn tista tirrizulta t-talba li ghamel Bonello ghac-certifikat ta' *security*, fil-fatt ma giet ezibita ebda korrispondenza f'dan is-sens, ghalhekk il-versjoni ta' l-atturi tidher li hija aktar verosimili, u li attwalment Bonello ma kienx insista ghal xi certifikat imma kien qed jitlob biss zmien ghal pagament. Tant hu hekk li meta l-atturi bdew jinsistu ghal pagament, Bonello ammetta li kellu jhallas, ghamel xi pagament akkont u qatt ma semma bil-miktub li kien qed jistenna xi certifikat.

**Tpacija**

Fix-xhieda ta' Karl Bonello u fit-trattazzjoni saret riferenza ghal fatt li l-konvenuti qed jippretendu li kellha ssir *set off* billi Guillaimer Holdings kienu zammewlhom xi flus li l-konvenuti kellhom jiehdu minghandhom billi kellhom jaghtu lill Concrete Products.

Illi eccezzjoni f'dan is-sens ma nghatax. Biex din l-eccezzjoni tkun tista' tigi invokata gie ritenut mill-Qrati taghna:

Illi in tema legali " **il-kompensazzjoni** ssir ipso jure u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex amessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi."

Fil-kaz in ezami l-ammont pretiz mill-konvenuti mhux likwidu. Karl Bonello xehed li l-ammont li qed jippretendi kien “vicin xi Lm2,000” u ma saret ebda prova lanqas dokumentarja dwar dan l-ammont. Inoltre l-atturi mhux qed jammettu li ghandhom jaghtu xi haga, anzi qed jikkontestaw li hemm xi haga pendenti minn Guillaimer Holdings. Fl-ittra a fol. 72 ma tissemma ebda talba ghal-kompensazzjoni. Bonello xehed li hu qatt ma rceva ebda karti minghand Concrete Prodcuts li jikkonfermaw li setghet issir *set-off* (fol. 44). Anthony Gullaimer xehed li hu qatt ma awtorizza li ssir xi *set-off*. Generalment din issir bil-miktub u fil-kaz in ezami ma hemm xejn bil-miktub. Il-kumpanija qatt ma giet interpellat biex thallas xi haga minghand il-konvenuti.

**Ammont mitlub fic-citazzjoni**

Is-socjeta’ konvenuta eccepiet li mhiex debitrici fl-ammont mitlub fic-citazzjoni. Dwar din l-eccezzjoni xehed Karl Bonello li qal li kellu jaghti Lm3,500. Imbaghad fis-27 ta’ Novembru, 1995 hallas Lm1,538 u baqa’ bilanc ta’ Lm1,962 li hu l-ammont li qed jitolbu l-atturi fic-citazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**